# 8. *Amoris laetitia* u aspetti partikulari tat-tmien kapitlu

Rev. Dr Kevin Schembri

Intlabt naqsam magħkom xi ħsibijiet ġenerali dwar l-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Amoris laetitia* (AL) li l-Papa Franġisku ħareġ xahrejn ilu, preċiżament fid-19 ta' Marzu ta' din is-sena. Se nippreżenta dawn il-ħsibijiet dwar l-*Amoris laetitia* f'seba' taqsimiet:

i. it-titlu u s-sottotitlu;
ii. it-tul u l-qari;
iii. l-istruttura;
iv. l-ispirtu pastorali;
v. il-kuntest storiku tat-tmien kapitlu;
vi. l-itinerarju pastorali indikat fit-tmien kapitlu;
vii. il-motivazzjonijiet wara l-kitba.

**It-titlu u s-sottotitlu ta' *Amoris laetitia***

L-ispirtu u l-kontenut tad-dokument tal-Papa huma riflessi fit-titlu u s-sottotitlu ta' *Amoris laetitia*. Għalkemm il-frażi li nsibu fit-titlu tal-Eżortazzjoni – *Il-Ferħ tal-Imħabba* – hi marbuta ħafna mal-vokabolarju Bergoljan, ta' min ngħidu li din ma nħolqitx mill-Papa Franġisku imma ssellifha mingħand

il-predeċessur tiegħu.[1] Permezz tal-għażla ta' dan it-titlu, Franġisku mill-ewwel jindika spirtu ta' tama u pożittività. Minkejja li fl-Eżortazzjoni jiddiskuti temi relatati ma' diversi sfidi u diffikulatjiet kbar, mit-titlu stess juri li se jagħmel dan b'ton u lingwaġġ pożittiv.

Fl-opinjoni tiegħi, iċ-ċavetta biex nifhmu dan l-ispirtu ta' tama u pożittività tinsab f'żewġ siltiet minn *Amoris laetitia*. L-ewwel waħda nsibuha propju fl-ewwel paragrafu tal-Eżortazzjoni:

> Il-ferħ tal-imħabba fil-familji hu wkoll il-ferħ tal-Knisja. Kif urewna l-Padri Sinodali, minkejja l-għadd ta' sinjali ta' kriżi fiż-żwieġ, 'ix-xewqa għall-familja tibqa' ħajja, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u tqanqal lill-Knisja'. Bħala tweġiba għal din ix-xewqa, 'it-tħabbira Nisranija dwar il-familja hi tabilħaqq bxara tajba'.

It-tieni silta nsibuha f'dikjarazzjoni li l-Papa kien għamel waqt il-laqgħa li kellu mal-familji ġewwa Santiago, Kuba, nhar it-22 ta' Settembru 2015, u li llum hi kkwotata f'paragrafu 7 ta' AL: "il-familji mhumiex problema; l-ewwel u qabel kollox huma opportunità!"

It-titlu *Il-Ferħ tal-Imħabba* hu akkumpanjat minn sotto-titolu uffiċjali: *Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali tal-Qdusija Tiegħu Franġisku lill-isqfijiet, lill-presbiteri u lid-djakni, lill-persuni kkonsagrati, lill-miżżewġin insara u lill-fidili kollha lajċi dwar l-imħabba fil-familja.* Anke dan is-sotto-titolu jgħidilna xi ħaġa importanti ħafna: il-*focus* prinċipali ta' *Amoris laetitia* mhux id-duttrina jew id-dixxiplina dwar l-istituzzjoni

---

[1] Ara Benedittu XVI, Ittra Appostolika *Porta Fidei* (11 t'Ottubru 2011), par. 13.

taż-żwieġ – imma l-esperjenza tal-imħabba fil-familja, b'dak kollu li din ir-realtà tfisser u ġġib magħha!

### It-tul u l-qari ta' *Amoris laetitia*

L-Eżortazzjoni *Amoris laetitia* hi dokument twil u tikkonsisti f'325 paragrafu mqassmin f'9 kapitli. F'dan id-dawl, nistedinkom nieqfu ftit fuq il-kontenut ta' paragrafu 7, fejn il-Papa stess jikkummenta dwar it-tul u l-qari tad-dokument:

> Tant kienu għonja s-sentejn ta' riflessjonijiet li ġabet magħha l-mixja sinodali, li din l-Eżortazzjoni taffronta, bi stili differenti, bosta temi ta' xejriet varjati. Dan jispjega d-daqs inevitabbli tagħha. Għalhekk m'iniex tal-idea li wieħed jaqraha kollha f'daqqa. Il-valur tagħha jista' jiġi apprezzat aħjar, kemm mill-familji u kemm mill-operaturi tal-pastorali tal-familja, jekk huma jinżlu fil-fond tagħha b'ħafna sabar, parti wara l-oħra, jew jekk ifittxu fiha dak li jiġu bżonn f'kull ċirkustanza konkreta. Ngħidu aħna, aktarx li l-koppji miżżewġa iktar jistgħu jsibu jappellaw għalihom il-kapitli erbgħa u ħamsa, l-operaturi pastorali aktar sa jinteressahom il-kapitlu sitta, waqt li kulħadd sa jħoss il-kapitlu tmienja bħala sfida. Nittama li bil-qari tagħha, kull wieħed u waħda jħossu msejjaħ jieħu ħsieb bi mħabba l-ħajja tal-familji tagħna, għax dawn 'mhumiex problema, l-ewwel u qabel kollox huma opportunità'.

L-ewwel nett, il-Papa qed jgħid li *Amoris laetitia* hi frott ta' mixja u proċess sinodali. Fi kliem ieħor, mhix dokument li hu qabad u kiteb minn rajh jew kif ġie ġie. F'dan is-sens, is-sorsi indikati fin-noti tal-Eżortazzjoni (b'kollox hemm 391 *footnote*!) huma importanti ħafna, għax juru kif Franġisku sejjes it-tagħlim tiegħu fuq il-ħsibijiet ta' ħafna oħrajn, b'mod partikolari fuq il-

*Propositiones* li ppreżentawlu l-Padri li ħadu sehem fis-Sinodu dwar il-Familja (2014-2015).

It-tieni, f'dan il-paragrafu l-Papa jirrimarka wkoll li *Amoris laetitia* tiddiskuti spektrum sħiħ ta' temi u realtajiet differenti li jmissu l-ħajja tal-familja. Dan ifisser li, għall-kuntrarju tal-impressjoni li spiss tagħtina l-*media* jew li ġieli jagħtu xi dibattiti fi ħdan il-Knisja, l-Eżortazzjoni ma titkellimx biss dwar ċerti sitwazzjonijiet kumplessi (bħalma huma l-koabitazzjoni, iż-żwieġ ċivili, jew relazzjonijiet ġodda li jinbtu wara separazzjoni). Fil-fatt, waqt l-intervista li ta fuq it-titjira tiegħu lura lejn Ruma minn Lesbos, il-Greċja, il-Papa stqarr li jiddispjaċih ħafna meta jinnota li d-diskors dwar l-*Amoris laetitia* jispiċċa jkun iffukat biss fuq dawn it-temi, għax l-Eżortazzjoni tmiss diversi realtajiet, dinamiċi u sfidi oħra relatati mal-ħajja tal-familja![2]

It-tielet, f'paragrafu 7, il-Papa jgħaddi wkoll xi suġġerimenti dwar il-qari ta' *Amoris laetitia*. Jgħid li għandha tinqara bil-mod, fi spirtu ta' riflessjoni. Jgħid ukoll li għandha tinqara fi spirtu ta' mħabba kbira lejn il-ħajja tal-familja. Il-Papa juri x-xewqa li din l-Eżortazzjoni tinqara mill-familji infushom u minn dawk kollha li huma mdaħħla fil-pastorali tal-familja. Dan ifisser li aħna s-saċerdoti msejħin naqrawha b'żewġt ikpiepel: l-ewwel, bħala membri ta' familji, għax aħna ngħixu ġo familji bil-ġenituri, bl-aħwa, bl-*in-laws*, u bin-neputijiet, u t-tieni, bħala rgħajja tal-erwieħ, għax aħna neżerċitaw ministeru li jġibna f'kuntatt kbir ma' ħafna familji.

Ir-raba', f'dan il-paragrafu Franġisku jistieden lilna l-insara biex ilkoll kemm aħna naqraw b'attenzjoni t-tmien kapitlu – li, kif ħa naraw aktar 'il quddiem, jittratta l-akkumpanjament,

---

2 Ara Franġisku, *Conversation with the Pope on return flight from Lesbos* (18 t'April 2016).

id-dixxerniment u l-integrazzjoni ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet kumplessi – u ma nibżgħux inħossuna *challenged* minnu. Il-Papa jaf li l-qari ta' dan il-kapitlu mhux faċli għax qiegħed jitlob konverżjoni pastorali mill-Knisja kollha.

## L-istruttura ta' *Amoris laetitia*

Kif diġà għidna, *Amoris laetitia* hi mqassma f'disa' kapitli. Meta qrajt l-ewwel tlieta, xebbahthom ma' trittiku li joffri sfond għassitt kapitli l-oħra permezz ta' dawn it-tliet pannelli: il-Kelma ta' Alla, ir-realtà globali tal-familja kontemporanja, u t-Tradizzjoni tal-Knisja Kattolika. Hawnhekk se nagħti titwila ħafifa lejn il-kapitli kollha, wieħed wara l-ieħor.

L-ewwel kapitlu (*Fid-Dawl tal-Kelma*) jittratta l-esperjenza tal-familja fil-Kotba Mqaddsa. Hu kapitlu interessanti ħafna, għax imur lil hemm mit-testi mill-Iskrittura li normalment jiġu f'moħħna meta nitkellmu dwar iż-żwieġ u l-familja (per eżempju, il-ħolqien tal-bniedem bħala raġel u mara fil-Ktieb tal-Ġenesi, it-tieġ ta' Kana fl-Evanġelju skont San Ġwann, id-diskors ta' Ġesù dwar l-indissolubbilità taż-żwieġ fl-Evanġelju skont San Mattew, eċċ). F'dan il-kapitlu, il-Papa juri li l-Bibbja stess titkellem dwar iż-żwieġ u l-familja bħala realtajiet kumplessi li spiss huma mmarkati b'inganni, vjolenza u kriżijiet kbar. Din id-dinamika ta' tensjoni tibda mill-kunflitt bejn Adam u Eva u l-qtil ta' Abel minn Kajjin, u tibqa' sejra sal-familja ta' Ġesù stess: familja li esperjenzat diffikultajiet wara l-Annunzjazzjoni f'Nażaret, waqt it-twelid ta' Ġesù f'Betlem, waqt il-ħarba lejn l-Eġittu, eċċ. Fi kliem ieħor, f'dan l-ewwel kapitlu, il-Papa jorbot it-tagħlim tiegħu dwar il-familja ma' prinċipju fundamentali: li l-Kelma t'Alla mhix enċiklopedija li tippreżentalna normi jew duttrini dwar suġġetti differenti, imma hi r-rivelazzjoni tal-Ġrajja tas-Salvazzjoni ankrata fl-esperjenza konkreta u limitata tal-ħajja umana.

It-tieni kapitlu (*Ir-Realtà u l-Isfidi tal-Familji*) jippreżenta r-realtajiet u l-isfidi li l-familji qegħdin jesperjenzaw fiżminijietna. F'dan il-kapitlu, il-Papa jagħmilha ċara li l-Knisja Universali hi konxja li l-isfidi tal-familji madwar id-dinja jesprimu diversità kbira u ħafna minnhom imorru lil hemm mill-konfini tal-kultura tal-Punent: it-traġedja tal-immigrazzjoni, l-abbandun tal-fqar u tal-anzjani, in-nuqqas ta' xogħol, il-konsegwenzi tal-gwerra u l-vjolenza, eċċ.

It-tielet kapitlu (*Ħarsitna fuq Ġesù: il-Vokazzjoni tal-Familja*) jittratta t-Tradizzjoni tal-Knisja Kattolika dwar iż-żwieġ u l-familja. F'dan il-kapitlu, l-Papa jippreżenta t-tagħlim tal-Maġisteru dwar il-familja, b'referenzi espliċiti għall-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* għad-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, u għat-tagħlim tal-Beatu Pawlu VI, ta' San Ġwanni Pawlu II u tal-Papa Emeritu Benedittu XVI. Franġisku jitfa' wkoll dawl partikulari fuq il-ħarsa, l-imġiba u r-relazzjonijiet ta' Ġesù kif jidhru fl-Evanġelju, għax dawn huma l-pedament tat-Tradizzjoni tal-Knisja.

Ir-raba' kapitlu (*L-Imħabba fiż-Żwieġ*) jiddiskuti kif l-imħabba fiż-żwieġ tista' tingħex u tikber b'mod tajjeb u sabiħ u hu meqjus minn ħafna bħala l-isbaħ kapitlu tal-Eżortazzjoni. Kif stqarr il-Kardinal Schonborn waqt il-preżentazzjoni uffiċċjali tad-dokument, hu f'dan il-kapitlu li t-titlu tal-Eżortazzjoni – *Amoris laetitia*! – isib il-milja tiegħu![3] Il-Papa jinkoraġixxi l-iżvilupp tal-imħabba billi jikkummenta pass pass l-Innu li nsibu f'kapitlu 13 tal-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin. Barra dan, Franġisku joffri wkoll diversi riflessjonijiet dwar il-komunjoni, id-dinamika tad-djalogu bejn il-koppja, l-għixien

[3] Ara C. Schönborn, *Intervention at presentation of Amoris laetitia* (8 t'April 2016).

tal-imħabba erotika u passjonali f'kuntest ta' ferħ, l-effetti tal-vjolenza u l-manipulazzjoni, u l-iżvilupp tar-relazzjoni bejn il-miżżewġin meta jibdew jikbru u jixjieħu.

Il-ħames kapitlu (*L-Imħabba Ssir Għammiela*) jiddiskuti il-ħajja li hi frott tal-imħabba fil-familja. F'dan il-kapitlu, il-Papa jittratta t-tema tal-prokreazzjoni u tal-adozzjoni b'serjetà kbira u joffri kliem ta' kuraġġ biex l-insara jibqgħu mexjin fit-triq tal-ġenerożità. Imma ma jieqafx hemm! Franġisku jippreżenta manjieri oħra kif nistgħu nagħtu, nikkuraw u nkabbru l-ħajja fil-familji tagħna, speċjalment permezz tar-rispett u relazzjonijiet tajba, permezz ta' paċi u nuqqas ta' kunflitt bejn l-aħwa u bejn l-ulied u l-ġenituri, u permezz ta' mħabba u attenzjoni lejn il-membri anzjani tal-familja.

Is-sitt kapitlu (*Xi Perspettivi Pastorali*) jelenka u jikkummenta ħafna stadji u aspetti differenti tal-pastorali tal-familja, fosthom: ix-xandir tal-Evanġelju tal-Familja; il-preparazzjoni remota u prossima għaż-żwieġ; l-akkumpanjament ta' min sejjer tajjeb fil-ħajja tal-familja; l-attenzjoni għal min għaddej minn xi kriżi jew min jinsab f'xi sitwazzjoni kumplessa; il-ministeru pastorali fejn hemm l-uġigħ, il-mard jew il-*bereavement*, eċċ.

Is-seba' kapitlu (*Insaħħu l-Edukazzjoni tal-Ulied*) hu ddedikat kollu kemm hu għat-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied, u jiffoka fuq dawn is-suġġetti: l-attenzjoni personali, il-formazzjoni etika, il-korrezzjoni u l-paċenzja, il-formazzjoni fil-fidi, l-edukazzjoni sesswali, eċċ. Nara li għalina bħala saċerdoti, dan il-kapitlu hu ta' importanza doppja. Fuq naħa, għandna bżonn naqrawh b'attenzjoni għax nafu kemm it-trobbija tal-ulied hi realtà li tferraħ imma wkoll tħabbat u tinkwieta lill-ġenituri li niltaqgħu magħhom fil-ministeru tagħna. Fuq in-naħa l-oħra, ħutna l-insara lilna jsejħulna "father" għax mingħandna jistennew attenzjoni, kura u akkumpanjament ta' missier spiritwali.

**Il-konverżjoni pastorali**

It-tmien kapitlu (*Insieħbu, Niddixxernu u Nintegraw lid-Dgħajjef*) hu l-aktar kapitlu li għamel ħoss kemm ġewwa kif ukoll barra l-Knisja. Kif jindika t-titlu, u kif se naraw aktar 'il quddiem, dan il-kapitlu jagħmel sejħa lill-Knisja Universali biex tħaddan *approach* pastorali bbażat fuq l-akkumpanjament, id-dixxerniment u l-integrazzjoni, speċjalment ma' min jinsab f'sitwazzjonijiet tal-familja kumplessi.

Id-disa' kapitlu (*L-Ispiritwalità tal-Miżżewġin u tal-Familja*) hu l-kapitlu minsi minn kulħadd, inkluż mill-kummentaturi ta' *Amoris laetitia*. Nittama li ma jintesiex minna wkoll, għax hu kapitlu sabiħ ħafna. Hu mibni fuq dan il-prinċipju ewlieni: għall-miżżewġin u għall-membri kollha tal-familja, il-qdusija tinsab u tinkiseb preċiżament fl-għixien sħiħ u konkret tal-ħajja ta' kuljum. Dan il-punt ifakkarni f'diskursata li darba kelli fi grupp dwar il-qdusija u l-intimità sesswali bejn il-miżżewġin. F'ħin minnhom, waħda mara miżżewġa, li għandha sens kbir tal-ħajja nisranija, qalet: "Għalija din il-kwistjoni hi ċara ħafna. Kieku nkun naf li baqagħli nofs siegħa ħajja u f'dik in-nofs siegħa għandi l-possibbilità li jew immur nisma' Quddiesa jew immur ħdejn ir-raġel tiegħi u ngħaddi l-aħħar nofs siegħa ta' ħajti miegħu, anke billi nesprimi l-imħabba tiegħi lejh b'mod sesswali, nagħżel it-tieni waħda – għax fl-istat tiegħi bħala mara miżżewġa, dik hi t-triq prinċipali ta' qdusija!" Nistqarr magħkom li l-istqarrija ta' din il-mara kienet laqtitni u ġegħlitni naħseb ħafna dwar it-teoloġija u n-nobbiltà tas-Sagrament taż-Żwieġ. Nemmen li, kif insibu spjegat f'dan il-kapitlu, din il-mara fehmet tajjeb ħafna li ż-Żwieġ hu tassew sagrament li jfisser u jagħti l-grazzja!

Kif nistgħu naraw, il-Papa fetaħ l-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu b'kapitlu dwar il-Kelma ta' Alla u għalaqha b'kapitlu dwar l-ispiritwalità. Nistgħu ngħidu li permezz ta' dan l-*inclusio*,

*Amoris laetitia* xxandar li l-imħabba fiż-żwieġ u l-familja għandha tinftiehem u tingħex fid-dawl tal-misteru ta' Alla.

## L-ispirtu pastorali ta' *Amoris laetitia*

Wara li tajna ħarsa qasira lejn l-istruttura u l-kapitli ta' *Amoris laetitia*, jixraq li naraw x'tip ta' spirtu tħaddan u tispira din l-Eżortazzjoni. Kif naraha jien, *Amoris laetitia* tesprimi vokabolarju u attitudnijiet pastorali li diġà tpoġġew quddiemna bħala Knisja permezz tal-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii gaudium* (EG). X'inhuma dawn l-attitudnijiet? Se nelenka tnax.

1. Attitudni *eżortattiva* aktar milli dommatika. *Amoris laetitia* tindika stil ta' pastorali li joffri gwida u għajnuna dwar diversi aspetti tal-ħajja tal-familja, flok definizzjonijiet dommatiċi jew risposti assoluti dwar l-aspetti kollha.
2. Attitudni *pożittiva* aktar milli negattiva. *Amoris laetitia* tipproponi ħidma pastorali li toffri tama u aħbar tajba dwar dawk ir-realtajiet tal-familja li qed jaffaċċjaw sfidi u kriżijiet, flok kundanni, tgergir, qtigħ ta' qalb, jew reazzjonijiet aggressivi.
3. Attitudni *integrattiva* aktar milli regolatorja. *Amoris laetitia* tħaddan mudell morali li jimmira aktar għall-integrazzjoni gradwali tal-virtujiet u tal-persuna, milli għar-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni biex sempliċiment tiġi taqbel man-norma.
4. Attitudni *ħolistika* aktar milli riduttiva. *Amoris laetitia* tippreżenta viżjoni ta' ministeru li jikkunsidra l-ħajja taż-żwieġ u l-familja fit-totalità u l-kumplessità tagħhom, flok jirriduċihom għal numru żgħir ta' aspetti sensazzjonali jew kontroversjali.
5. Attitudni *inklussiva* aktar milli esklussiva. *Amoris laetitia* tistieden lill-qarrejja jagħmlu tagħhom il-loġika tal-

Evanġelju li tħaddan lill-membri kollha tal-familja, speċjalment lit-tfal, l-anzjani u dawk l-aktar vulnerabbli, flok il-loġika tad-dinja li b'ħeffa kapaċi tikkundanna u teskludi lil min mhux bħalha jew magħha.

6. Attitudni *mistika* aktar milli politika. *Amoris laetitia* tpoġġi quddiemna mudell ta' azzjoni u dixxerniment li hu mfassal fid-dawl tal-misteru ta' Alla, flok mudell li hu misjuq minn *lobbying* jew kalkoli umani.
7. Attitudni *sinodali* aktar milli individwalista. *Amoris laetitia* tindika stil ta' pastorali li jinvolvi aktar id-dinamika ta' mixja flimkien, milli deċiżjonijiet personali meħudin mingħajr djalogu.
8. Attitudni *radikali* aktar milli superfiċjali. *Amoris laetitia* tħaddan mod ta' pastorali li hu msejjes fuq xandir ċar u sod dwar il-verità nisranija, flok fuq kompromessi, abbużi jew laxkezza.
9. Attitudni *realista* aktar milli astratta. *Amoris laetitia* tipproponi mudell ta' ministeru li aktar josserva, jagħraf u jirrispetta l-esperjenza konkreta tal-familja fid-dinja, milli jibqa' biss fuq livell astratt, bir-riskju li jkun maqtugħ jew irrelevanti għall-ħajja tal-persuni.
10. Attitudni *impenjattiva* aktar milli burokratika. *Amoris laetitia* tippreżenta ħidma pastorali li titlob ħafna impenn u involviment permezz tal-akkumpanjament, flok ħidma mgħaġġla li tittratta l-persuni u l-każijiet speċifiċi b'mod superfiċjali jew burokratiku.
11. Attitudni *kuraġġuża* aktar milli beżżiegħa. *Amoris laetitia* tpoġġi quddiemna sfida biex inħossuna komdi nittrattaw ma' sitwazzjonijiet imperfetti u ikkumplikati, u ma nibżgħux niċċappsu, nitħammġu u forsi anke niġu feruti f'ambjenti li mhumiex f'ordni.

12. Attitudni *dinamika* aktar milli statika. *Amoris laetitia* tistedinna biex inħaddnu spirtu li jibqa' dejjem miftuħ għal żviluppi, osservazzjonijiet u esperjenzi ġodda, flok spirtu li jagħlaq il-bieb darba għal dejjem b'risposti jew soluzzjonijiet assoluti.

**Il-kuntest storiku tat-tmien kapitlu**

Apparti dawn il-ħsibijiet ġenerali dwar *Amoris laetitia*, intlabt naqsam magħkom ukoll ħarsa introduttiva għat-tmien kapitlu. Beħsiebni nagħmel dan b'żewġ modi: l-ewwel, billi nippreżenta fil-qosor ħafna l-kuntest storiku ta' dan il-kapitlu, u t-tieni, billi nipproponi itinerarju pastorali prattiku li naħseb hu suġġerit mit-tmien kapitlu.

Nibdew bl-ewwel punt. It-tmien kapitlu hu frott ta' riflessjoni u dibattitu li ilhom għaddejjin ħafna fil-Knisja Kattolika. Ħamsin sena ilu, madwar xahrejn qabel ma spiċċa l-Konċilju Vatikan II, il-Vigarju tal-Patrijarka Grieg Kattoliku Melkita għamel żewġ interventi fl-Awla tal-Konċilju li fihom talab lill-isqfijiet biex jeżaminaw mill-ġdid il-pastorali tal-Knisja mal-miżżewġin li għaddew minn separazzjoni[4]. Minħabba li dawn l-interventi saru fl-aħħar ġimgħat tal-Konċilju, ma kellu l-ebda impatt konkret fuq l-aħħar diskussjonijiet jew fuq id-dokumenti finali. Però, fis-snin ta' wara – speċjalment fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet – inkitbu ħafna artikli u studji dwar dan is-suġġett, b'diversi minnhom joffru soluzzjonijiet li reġgħu tqajmu fl-aħħar tliet snin, waqt is-Sinodu tal-Familja li għadu kemm spiċċa[5].

---

[4] Ara d-diskorsi li għamel fid-29 ta' Settembru u fl-4 ta' Ottubru 1965, Église Grecque Melkite, *L'Église Grecque Melkite au Concile*, Beyrouth 1967, kapitlu 15.

[5] Għal ġabra ta' wħud minn dawn il-proposti, ara B. Petrà, *Il matrimonio può morire? Studi sulla pastorale dei divorziati risposati*, Bologna 1996.

**Il-konverżjoni pastorali**

Fis-Sinodu tal-Isqfijiet dwar il-Familja li sar fl-1980, madwar 87% tal-isqfijiet (179 minn 206) ivvutaw favur paragrafu 14 tal-*Propositiones* li, fost l-oħrajn, kien jgħid: "The Synod declared its wish that a new and deeper study be initiated into the pastoral care of these [divorced and remarried] faithful, 'taking account of the practices of the Eastern Churches', so that pastoral kindness can be brought more clearly to the fore."[6]

Għalkemm fl-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Familiaris consortio* (FC), il-Papa Ġwanni Pawlu II ma għamel l-ebda referenza għal din il-proposta, ta' min wieħed isemmi li f'paragrafu 84 ikkonċeda ftuħ importanti ħafna dwar ir-realtà tas-separati li daħlu f'rabta ġdida. Waqt li b'mod espliċitu ħeġġeġ id-dixxerniment "bejn qagħda u oħra", Ġwanni Pawlu għallem ukoll li, "għall-raġunijiet serji", hu permess li raġel u mara divorzjati jibqgħu jgħixu flimkien fl-istess dar u jaqsmu l-imħabba tal-familja, sakemm jimpenjaw ruħhom li jiċċaħdu mill-intimità sesswali[7]. Meta wieħed jinkwadra dan id-diskors fil-kuntest tal-istorja riċenti tal-Knisja (per eżempju, il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku tal-1917 kien iqis lid-divorzjati li jidħlu f'relazzjoni ġdida bħala "infami" u jheddidhom b'interdett jew skomunika[8], waqt li sal-1973, il-funerali ta' midinbin pubbliċi kienu għadhom ipprojbiti[9], eċċ), malajr jagħraf kemm il-pass ta' FC kien innovattiv!

---

[6] Ara J. Grootaers – J. Selling, *The 1980 Synod of Bishops "On the Role of the Family". An Exposition of the Event and an Analysis of its Text*, Leuven 1983, 139-141; B. Häring, "The Synod of Bishops on the Family. Pastoral Reflections», *StMor* 19/2 (1981) 243.

[7] Ara Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* (22 ta' Novembru 1981), par. 84.

[8] Ara l-kanoni 855 u 2356 tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku tal-1917.

[9] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Decree on the ecclesiastical burial of manifest sinners* (20 ta' Settembru 1973).

Għalkemm id-diskussjoni dehret li kienet ingħalqet bil-pubblikazzjoni ta' FC, minn żmien għal żmien, il-kwistjoni kienet terġa' tqum permezz ta' xi artikli jew studji partikulari. Fl-10 ta' Lulju 1993, id-dibattitu reġa' nfetaħ permezz ta' ittra pastorali li l-isqfijiet Ġermaniżi Walter Kasper, Karl Lehmann, u Oskar Saier ippubblikaw fid-djoċesijiet tagħhom[10]. Il-kontenut ta' din l-ittra qajjem reazzjoni posittiva minn diversi kwartieri fil-Knisja, kif ukoll reazzjoni negattiva mill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, li dak iż-żmien kienet immexxija mill-Kardinal Joseph Ratzinger. Wara xhur ta' diskussjoni, fl-14 ta' Settembru 1994 il-Kongregazzjoni kkonfermat il-prassi li kienet ġiet ippreżentata minn FC permezz ta' ittra li ntbagħtet lill-isqfijiet kollha tad-dinja[11].

Għalkemm id-diskussjoni reġgħet dehret li ngħalqet, fil-verità kien bħal tpoġġa għatu kbir fuq borma tbaqbaq. Fil-fatt, il-Papa Benedittu XVI darbtejn affaċċja mistoqsija diretta dwar il-possibbilità li persuni separati li jkunu daħlu f'relazzjoni ġdida jersqu għas-sagramenti: l-ewwel waħda waqt il-laqgħa li kellu mal-membri tal-kleru ġewwa Aosta, u t-tieni waqt il-laqgħa li kellu mal-familji ġewwa Milan. Fit-tweġibiet tiegħu, il-Papa Benedittu XVI żamm mat-tagħlim ta' FC, imma stqarr ukoll li l-kwistjoni tad-divorzjati hi diffiċli u kumplessa ħafna, għax il-Knisja tbati ferm quddiem dawn ir-realtajiet u m'għandhiex riċetti sempliċi għalihom. Għalhekk, Benedittu eżorta biex ikun

[10] Ara W. Kasper – K. Lehmann – O. Saier, *Pastoral Ministry. The Divorced and Remarried*, *Origins* 23 (10/03/1994) 670-673.

[11] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Letter to the bishops of the Catholic Church concerning the reception of the Holy Communion by the divorced and remarried members of the faithful* (13 ta' Settembru 1994).

hemm ħafna attenzjoni u mħabba f'dan il-ministeru pastorali, u ħeġġeġ ukoll aktar studju dwar din il-kwistjoni[12].

Fit-28 ta' Lulju 2013, fil-vjaġġ tiegħu lura lejn Ruma mill-Brażil, il-Papa Franġisku ġie mistoqsi wkoll dwar din ir-realtà u hu wieġeb b'żewġ punti ċari. L-ewwel, li d-diskussjoni fil-Knisja dwar din il-kwistjoni m'għandhiex isseħħ waħedha imma għandha tiġi nkwadrata f'diskussjoni dwar ir-realtajiet tal-pastorali tal-familja in ġenerali madwar id-dinja kollha. Hawnhekk Franġisku ħabbar ukoll li ġimagħtejn qabel kien għadu kemm ftiehem mas-Segretarju tas-Sinodu tal-Isqfijiet li t-tema tas-Sinodu li kien imiss kienet se tkun relatata mal-ħajja taż-żwieġ u l-familja. It-tieni, li din id-diskussjoni għandha ssir fl-isfond ta' riflessjoni solida u teoloġika dwar il-ħniena[13]. Minn hemm 'il quddiem, ilkoll nafu bejn wieħed u ieħor kif żvolġiet id-diskussjoni.

## L-itinerarju pastorali indikat fit-tmien kapitlu

Niġu issa għat-tieni punt. Fit-tmien kapitlu, il-Papa Franġisku jsemmi diversi aspetti u dinamiċi relatati mal-proċess ta' akkumpanjament, dixxerniment u integrazzjoni li hu qed jistieden lill-Knisja kollha biex tħaddan. F'dawn il-paragrafi li ġejjin, se nipprova nippreżenta dawn l-aspetti f'forma ta' itinerarju pastorali prattiku li jista' jservi bħala għodda fil-ministeru tagħna ma' persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet familjari

---

[12] Ara Benedittu XVI, *Meeting with Diocesan Clergy of Aosta* (25 ta' Lulju 2005) Ara Benedittu XVI, *Evening of Witness. Pastoral Visit to the Archdiocese of Milan and the Seventh World Meeting of Families* (2 ta' Ġunju 2012).

[13] Ara Franġisku, *Press Conference during the return flight. Apostolic Journey to Rio de Janeiro on the occasion of the XXVIII World Youth Day* (28 ta' Lulju 2013).

kumplessi. B'"sitwazzjonijiet familjari kumplessi", il-Papa jifhem primarjament il-persuni li jikkoabitaw, li daħlu fi żwieġ ċivili, jew li huma separati jew divorzjati u daħlu f'relazzjoni ġdida. Madankollu, dan ma jeskludix li dan l-itinerarju jista' jkun jgħodd għal sitwazzjonijiet oħra.

Qabel ma nibdew il-passi ta' dan l-itinerarju pastorali, tajjeb insemmu żewġ kundizzjonijiet fundamentali li l-Papa jpoġġi quddiemna fit-tmien kapitlu: li nkun midħla sew tal-idejal nisrani dwar iż-żwieġ u l-familja, u li nkun midħla sew tal-loġika u l-metodu pastorali ta' Ġesù kif jidher fl-Evanġelju.

L-ewwel pass ta' dan l-itinerarju jinvolvi *l-laqgħa personali*. It-tmien kapitlu jfakkarni li bħala saċerdot, jien għandi dover nersaq qrib tal-persuni afdati f'idejja u ta' nies oħra li niġi f'kuntatt magħhom. Għandi dmir nurihom li jien disponibbli jekk għandhom bżonn xi akkumpanjament mingħandi, u li jien lest nimxi magħhom bl-attenzjoni kollha li jeħtieġu. Dan ifisser ukoll li bħala saċerdot, jien ma nistax nikkundanna mill-ewwel jew bl-addoċċ is-sitwazzjonijiet tal-persuni li niltaqa' magħhom. Quddiem iċ-ċirkustanzi konkreti u kumplessi tal-familji tal-lum, lanqas m'għandi nuża *approach* riduttiv jew burokratiku.

It-tieni pass ta' din il-mixja pastorali jinvolvi *l-proċess ta' akkumpanjament*. Wara l-laqgħa personali ma' dawn il-persuni, il-ministeru tiegħi bħala saċerdot jitlob minni li nidħol f'mixja ta' ħbiberija u djalogu magħhom, u li f'din il-mixja nkun għalihom sors ta' fiduċja, tama u faraġ. M'hemmx għalfejn ngħidu, dan jirrikjedi ħafna impenn, ħafna enerġija u ħafna paċenzja – speċjalment meta nifhem li l-Papa jixtieq li l-għan ta' dan l-akkumpanjament ma jkunx sempliċiment ir-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni kanonika tal-persuni, imma l-integrazzjoni tagħhom fid-dixxipulat u fil-virtujiet. Fil-fatt, it-

tmien kapitlu jinsisti li f'din il-mixja mal-persuni, jien imsejjaħ inħeġġiġhom biex jikbru fit-triq tal-imħabba (*via caritatis*).

It-tielet pass iwassalni *għall-istadju ta' dixxerniment pastorali serju* dwar is-sitwazzjoni konkreta tal-persuni, bil-għan li huma jersqu lejn aktar integrazzjoni. Dan l-istadju jitlob minni diversi dmirijiet.

L-ewwel dmir hu, li flimkien mal-persuni involuti, niddistingwi l-każijiet differenti, kif ukoll ir-realtajiet u l-elementi pożittivi u negattivi li hemm f'kull każ.

It-tieni dmir hu li quddiem l-elementi li jidhru pożittivi, niżen u niddixxerni dak li tassew ġew minn Alla u fih nilmaħ il-preżenza, il-grazzja u l-ħidma divina. Fi kliem ieħor, niddentifika x-xewqat tajba ta' dawn il-persuni u nkompli nibni magħhom fuq dawn l-elementi tajbin biex jintlaħaq għan ogħla;

It-tielet dmir hu li quddiem l-elementi negattivi – jew hekk imsejħa "irregolari" – ta' dawn il-każi, niddixxerni dwar il-ħtija morali billi ngħarbel mal-persuni stess iċ-ċirkustanzi, il-fatturi, l-intenzjonijiet u l-konsegwenzi kollha. F'dan il-proċess, il-Papa jissuġġerixxi li għandu jsir eżami tal-kuxjenza serju, b'mumenti ta' riflessjoni u sogħba, sabiex wieħed jiżen sew il-ħtija morali tal-persuna. Id-dixxerniment quddiem l-elementi negattivi jista' jwassal għal, minn tal-inqas tliet xenarji.

L-ewwel xenarju: Fejn iċ-ċirkustanzi juru li hemm każ ta' ħtija morali ta' dnub (eżempju: minħabba attitudni kapriċċjuża, egoista, indifferenti, jew kattiva), għandi nħeġġeġ it-triq tal-integrazzjoni permezz tal-korrezzjoni u tas-sejħa għall-konverżjoni. Fejn ikun hemm bżonn, napplika l-prinċipju tal-gradwalità. Minħabba l-preżenza ta' ħtija morali f'dan ix-xenarju, il-persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jersqu lejn is-sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ewkaristija matul dan il-proċess ta' integrazzjoni.

It-tieni xenarju: Fejn iċ-ċirkustanzi juru li hemm sitwazzjoni "irregolari" li tista' titjieb jew tiġi "regolarizzata" (eżempju: hemm koabitazzjoni jew żwieġ ċivili, u m'hemmx ostakli biex il-koppja timxi lejn iċ-ċelebrazzjoni ta' żwieġ kanoniku), għandi nħeġġeġ it-triq tal-integrazzjoni permezz tar-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni. Fejn ikun hemm bżonn, napplika l-prinċipju tal-gradwalità. Minħabba n-nuqqas ta' ħtija morali f'dan ix-xenarju, il-persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu, f'xi każijiet, jersqu lejn is-sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ewkaristija bħala għajnuna (jew mediċina) matul dan il-proċess ta' integrazzjoni.

It-tielet xenarju: Fejn iċ-ċirkustanzi juru li m'hemmx ħtija morali ta' dnub jew hemm nuqqas kbir tagħha (per eżempju minħabba immaturità, injoranza, qtigħ il-qalb, biża, vjolenza, eċċ)hemm sitwazzjoni "irregolari" li ormai hi irrevokabbli imma għandi nħeġġeġ it-triq tal-integrazzjoni tal-persuna magħha nnifisha, mal-komunità u ma' Alla. Minħabba n-nuqqas ta' ħtija morali f'dan ix-xenarju, il-persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu, f'xi każijiet, jersqu lejn is-sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ewkaristija bħala għajnuna (jew mediċina) matul dan il-proċess ta' integrazzjoni.

Fl-aħħar nett, it-tmien kapitlu jisħaq li dan l-itinerarju pastorali għandu jkun mibni fuq l-onestà u l-verità, u għalhekk il-Papa jippreżentalna erba' prinċipji fundamentali:

1. qatt ma għandi nibdel riżultat ta' dixxerniment ta' każ partikolari f'regola ġenerali għal ħaddieħor jew għal kulħadd;
2. qatt ma għandi nibdel riżultat ta' dixxerniment li jsir fi żmien partikulari f'regola dejjiema għal dak il-każ innifsu, għax mal-persuni rrid nibqa' nsaqsi kontinwament il-mistoqsija: "Alla xi jrid minni llum?";

3. dejjem irrid noqgħod attent milli nagħti skandlu lill-oħrajn;
4. dejjem irrid noqgħod attent minn kull tentazzjoni ta' preferenzi jew korruzzjoni.

**Il-motivazzjonijiet wara l-kitba ta' *Amoris laetitia***

Nixtieq nagħlaq din il-preżentazzjoni billi npoġġi quddiemkom ħames raġunijiet għalfejn il-Papa Franġisku stess jemmen li f'*Amoris laetitia*, hu għaddielna dak li tassew kien mitlub minnu, bħala Suċċessur ta' Pietru u Kap tal-Knisja Universali, li jgħaddilna.

L-ewwel raġuni: AL tippreżenta t-triq tal-Missier. F'paragrafu 310, Franġisku jikteb:

> Ma rridux ninsew li 'l-ħniena mhix biss l-għemil tal-Missier, imma ssir il-kriterju biex nistgħu nifhmu min huma l-ulied veri tiegħu. F'kelma waħda, aħna msejħin ngħixu bil-ħniena, għax qabelxejn kien magħna stess li ntweriet il-ħniena'. [...] Il-Knisja mhix dwana, hi d-dar tal-Missier fejn hemm post għal kulħadd, kull wieħed bil-ħajja iebsa tiegħu'.

It-tieni raġuni: AL tagħmel tagħha t-triq ta' Ġesù. F'paragrafu 309 naqraw:

> L-Għarusa ta' Kristu tagħmel tagħha l-imġiba tal-Iben ta' Alla li joħroġ jiltaqa' ma' kulħadd mingħajr ma jħalli lil ħadd barra'. Hi taf tajjeb li Ġesù nnifsu jidher bħala Ragħaj ta' mitt nagħġa, u mhux ta' disgħa u disgħin. Kollha jħobbhom. B'dan l-għarfien, hu possibbli li 'jilħaq lil kulħadd, kemm dawk li jemmnu u kemm dawk li huma mbiegħda, il-balzmu tal-ħniena bħala sinjal tas-Saltna ta' Alla li diġà tinsab fostna'.

It-tielet raġuni: AL tipproponi t-triq tal-Evanġelju. Paragrafu 297 jgħidilna:

> Għandna nintegraw lil kulħadd, u lil kulħadd irridu ngħinu jsib il-mod tiegħu kif jieħu sehem fil-komunità ekkleżjali, biex iħossu hu wkoll oġġett ta' ħniena li hu jirċievi 'bla merti, bla kundizzjonijiet u bla ħlas'. Ħadd mhu kkundannat għal dejjem, għax din mhix il-loġika tal-Evanġelju!

Ir-raba' raġuni: AL tesprimi t-triq tal-Knisja. F'paragrafu 296, il-Papa jikteb:

> Nixtieq infakkar dak li ridt nipproponi b'mod ċar lill-Knisja kollha biex ma jiġrilniex li naqbdu triq b'oħra: 'Hemm żewġ xorta ta' loġika li jterrqu tul l-istorja kollha tal-Knisja: jew twarrab jew tintegra mill-ġdid [...]. It-triq tal-Knisja, mill-Konċilju ta' Ġerusalemm 'il quddiem, dejjem kienet dik ta' Ġesù: dik tal-ħniena u tal-integrazzjoni [...]. It-triq tal-Knisja hi dik li ma tikkundanna qatt lil ħadd għal dejjem; li xxerred il-ħniena ta' Alla fuq dawk kollha li jfittxuha b'qalb sinċiera'.

Il-ħames raġuni: AL tippreżenta r-rieda ta' Ġesù għall-Knisja fid-dinja tal-lum. F'wieħed mill-aktar paragrafi qawwija tal-Eżortazzjoni, il-Papa Franġisku bħala Suċċessur ta' Pietru jagħmel stqarrija ċara ħafna:

> Sinċerament nemmen li Ġesù jrid Knisja attenta għall-ġid li l-Ispirtu jxerred qalb id-dgħufijiet tagħna: Omm li, waqt li tesprimi ċar it-tagħlim oġġettiv tagħha, 'qatt ma tgħid le għall-ġid li jista' jsir, anzi lesta li tidħol għar-riskju li titħammeġ bit-tajn tat-triq'. [...] Ġesù 'jistenna minna li ma noqogħdux infittxu dawk in-niċeċ ta' kenn personali jew komunitarju li jżommuna mbegħdin minn fejn

tħabbat il-qalb tat-tbatija umana, biex nistgħu naċċettaw tabilħaqq li nidħlu f'kuntatt mal-eżistenza konkreta tal-oħrajn u nagħrfu kemm hi kbira l-qawwa tal-ħlewwa. Meta nagħmlu dan, il-ħajja dejjem tikkumplika ruħha b'mod sabiħ'.